**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1675

## tal-14 ta' Lulju 2016

## li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 254, 20.9.2016, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/105 tas-27 ta' Ottubru 2017 | L 19 | 1 | 24.1.2018 |
| ►M2 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/212 tat-13 ta' Diċembru 2017 | L 41 | 4 | 14.2.2018 |
| ►M3 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1467 tas-27 ta' Lulju 2018 | L 246 | 1 | 2.10.2018 |
| ►M4 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/855 tas-7 ta' Mejju 2020 | L 195 | 1 | 19.6.2020 |
| ►M5 | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/37 tas-7 ta' Diċembru 2020 | L 14 | 1 | 18.1.2021 |
| ►M6 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/229 tas-7 ta' Jannar 2022 | L 39 | 4 | 21.2.2022 |
| ►M7 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/410 tad-19 ta' Diċembru 2022 | L 59 | 3 | 24.2.2023 |
| ►M8 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1219 tas-17 ta' Mejju 2023 | L 160 | 1 | 26.6.2023 |
| ►M9 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2070 tat-18 ta' Awwissu 2023 | L 239 | 1 | 28.9.2023 |
| ►M10 | Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/163 tat-12 ta' Diċembru 2023 | L 163 | 1 | 18.1.2024 |

▼B

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1675

## tal-14 ta' Lulju 2016

## li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika pajjiżi terzi b'riskju kbir b'nuqqasijiet strateġiċi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

Il-lista ta' ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġimi tagħhom kontra l-ħasil tal-flus u fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu li huma ta' theddid sinifikanti għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni ("pajjiżi terzi b'riskju kbir") hija stabbilita fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

▼B

*ANNESS*

**Pajjiżi terzi b'riskju kbir**

I. Pajjiżi terzi b'riskju kbir li taw impenn politiku ta' livell għoli bil-miktub sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u li żviluppaw pjan ta' azzjoni mal-FATF.

▼M10

| Nru | Pajjiż terz b'riskju kbir [1] |
|---|---|
| 1 | L-Afganistan |
| 2 | Il-Barbados |
| 3 | Il-Burkina Faso |
| 4 | Il-Kamerun |
| 5 | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo |
| 6 | Ġibiltà |
| 7 | Il-Haiti |
| 8 | Il-Ġamajka |
| 9 | Il-Mali |
| 10 | Il-Mozambique |
| 11 | Il-Myanmar |
| 12 | In-Niġerja |
| 13 | Il-Panama |
| 14 | Il-Filippini |
| 15 | Is-Senegal |
| 16 | L-Afrika t'Isfel |
| 17 | Is-Sudan t'Isfel |
| 18 | Is-Sirja |
| 19 | It-Tanzanija |
| 20 | Trinidad u Tobago |
| 21 | L-Uganda |
| 22 | L-Emirati Għarab Magħquda |
| 23 | Vanuatu |
| 24 | Il-Vjetnam |
| 25 | Il-Jemen |

[1] Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni legali tar-Renju ta' Spanja fir-rigward tas-sovranità u l-ġuriżdizzjoni b'rabta mat-territorju ta' Ġibiltà.

▼B

II. Pajjiżi terzi b'riskju kbir li taw impenn politiku ta' livell għoli sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u ddeċidew li jfittxu assistenza teknika fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-FATF, li huma identifikati permezz tad-Dikjarazzjoni Pubblika tal-FATF.

| Nru | Pajjiż terz b'riskju kbir |
|---|---|
| 1 | L-Iran |

III. Pajjiżi terzi b'riskju kbir li jirrappreżentaw riskji attwali u sostanzjali ta' ħasil tal-flus u finanzjament ta' terroristi, wara li repetutament naqsu milli jindirizzaw in-nuqqasijiet idenitifikati u li huma identifikati permezz tad-Dikjarazzjoni Pubblika tal-FATF

| Nru | Pajjiż terz b'riskju kbir |
|---|---|
| 1 | Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) |